MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 56/1999/1

**Francesco u Coronata konjugi Sultana,**
**Joseph u Angela xebba ahwa Sultana**

**v.**

**Francis Xavier Grech u martu Rita Grech**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1.1. Dan hu appell ad istanza tal-konvenuti minn sentenza moghtija fit-18 ta' Novembru 2004 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, li

fiha gie deciz li ghandhom jigu respinti l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u milqughin it-talbiet attrici u dana billi il-konvenut Francis Grech gie ddikjarat unikament responsabbli ghall-incident fatali fuq il-lant tax-xoghol li sehh fit-12 ta’ Mejju 1998 u li fih miet Luigi Sultana; li d-danni rizultanti mill-istess incident huma ta’ tnejn u disghin elf, hames mija u erbatax-il lira Maltija (Lm92,514); u, fl-ahharnett, l-istess Qorti kkundannat lill-konvenuti jhallsu d-danni hekk likwidati lill-atturi appellati, komprizi l-ispejjez gudizzjarji.

1.2. Ghall ahjar intendiment ta’ dana l-appell, din il-Qorti qeghdha tinkorpora s-sentenza appellata *in toto* li fiha gie ritenut u deciz hekk:
“Il-Qorti ,

“PRELIMINARI

“Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :

“Illi Luigi Sultana, iben l-atturi konjugi Sultana u hu l-atturi l-ohra miet guvni w intestat fit-tnax (12) ta’ Mejju, 1998, fil-Pieta’, Malta ;

“Illi din il-mewt avverat ruhha minhabba incident gravi illi kien involut fih l-istess Luigi Sultana aktar kmieni waqt li kien qed jahdem fil-bini ta’ l-Arkadia fi Triq Fortunato Mizzi, Victoria, meta huwa safa’ mirdum taht numru ta’ gebel illi waqghu minn crane jew hi-up illi kien qieghed jigi operat fl-istess bini ;

“Illi dan l-incident setgha facilment gie evitat kieku l-makkinarju kien qed jithaddem skond ir-regoli tas-sengha u l-arti; mentri ghall-kuntrarju dan kien qed jithaddem bi ksur ta’ dawn ir-regoli, bi traskuragni u nonkuranza kbira ;

“Illi ghal dan l-incident jahti l-konvenut Francis Xavier Grech sia minhabba illi kien huwa illi kien jopera l-makkinarju imsemmi, kif ukoll ghaliex bhala mghallem jew principal ta’ l-imsemmi Luigi Sultana huwa naqas illi jipprovdilu ‘*a safe system of work’* kif mitlub mil-ligi ;

“Illi l-atturi huma l-unici qrabat u eredi tad-decujus u infatti s-successjoni ta’ Luigi Sultana giet dikjarata miftuha favur taghhom b’digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fil-Gurisdizzjoni Volontarja taghha ;

“Illi per konsegwenza tas-suespost, l-atturi sofrew danni ingenti konsistenti f’danni emergenti u lukri cessanti kif sejjer jirrizulta dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;

“Illi minkejja illi gew interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ dawn id-danni, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

“Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara lilek Francis Xavier Grech responsabbli ghall-incident illi wassal ghall-mewt ta’ Luigi Sultana fit-12 ta’ Mejju 1998; u konsegwentement tiddikjara lilkom it-tnejn responsabbli ghall-hlas tad-danni kollha kagunati lill-atturi per konsegwenza tal-istess mewt ;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi minhabba l-istess mewt, billi tiddikjara illi jikkonsistu f’dawk id-danni emergenti u lukri cessanti illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Tikkundannakom thallsu lill-atturi dawn l-istess danni kif hekk likwidati.

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali spedita lill-konvenuti; tal-mandat ta’ inibizzjoni u dak ta’ sekwestru prezentati kontestwalment mac-citazzjoni kontra taghkom u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni, illi ghaliha minn issa intom imsejha.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi debitament mahlufa minn Francesco Sultana.

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew :

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt in kwantu l-incident sfortunat li wassal ghall-mewt ta’ Luigi Sultana ma hux konsegwenza ta’ htija da parti tal-konvenuti jew xi hadd minnhom.

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-jedd u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti mahlufa minn Francis Xavier Grech.

“Rat il-verbal taghha tat-27 ta' Frar 2004 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza.

“Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

“Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti u affidavits esebiti.

“Ikkunsidrat :

“Illi din hija kawza ghad-danni maghmula mill-atturi bhala eredi ta' Louis Sultana, li miet in segwitu ghal incident fuq ix-xoghol. L-azzjoni esperita hi ghalhekk dik bazata fuq il-Lex Aquilia[1], li bazi taghha jista' jkun id-delitt, f'kaz ta' *dolo,* jew il-kwazi delitt, f'kaz ta' c*olpa*, kif jippretendu li hu l-kaz prezenti l-atturi[2]. Imma fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn min ihaddem u l-impjegat, bhal ma ghandna fil-kaz in ezami, il-ligi taghna timponi fuq l-*employer* l-obbligu espress li jassigura s-sigurta` tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol[3].

“Il-**Giorgi** jghallem f'dan ir-rigward :

"*E' detta colpa in senso generale della nostra scienza qualunque violazione di un obbligo giuridico; anche la violazione dolosa. In senso piu' ristretto la parola colpa*

[1] 44 Dig. Del leg. aquil. IX, 2.
[2] art.1033 Kap. 16.
[3] art. 6 tal-Kap. 424 dwar l-Awtorita' ghas-Sahha u Sigurta` fuq ix-Xoghol (Att XXVIII tal-2000).

*esclude il dolo, e significa volontaria omissione di diligenza, per cui non prevediamo le conseguenze illecite di una commissione od ommissione, e violiamo senza avvedercene un nostro dovere giuridico. Pero`, si dice, che l'inadempimento dell'obbligazione dipende da colpa, quando sebbene la causa dell' inadempimento sia stata l'opera del debitore medesimo, costui non ne abbia avuta la coscienza, e solo abbia mancato di quella diligenza, che egli era tenuto di usare*."[4]

“FATTI

“L-incident mertu tal-kawza gara fuq bini li kien ghadu fi stat ta' kostruzzjoni fi Triq Fortunato Mizzi, Victoria, fit-12 ta' Mejju 1998. Il-konvenut Francis Grech kien qed jibni l-hitan tal-ahhar sular, fuq parti zghira tal-post. Il-haddiema tieghu kienu fuq il-bejt tal-konkos, filwaqt illi huwa kien qed jopera *crane* li kien fil-livell tat-triq. Wiehed mill-haddiema kien inkarigat li minn fuq *truck* mghobbi *bricks*, iqabbad ma' certu apparat, imsejjah *grabja*, kwantita` minnhom sabiex il-*crane* itellaghhom fuq il-bejt fejn kien hemm il-haddiema l-ohra qed jibnu.

“Infatti ftit qabel ma sehh dan l-incident, il-haddiem li kien fuq it-truck lesta pakkett ta' 14 il-*brick*, rabathom bil-grabja, qabbadha mal-ganc tal-*crane* u din bdiet ittella l-pakkett tal-*bricks* ghal fuq il-bejt. Il-konvenut kien qed jopera l-*crane* minn go l-gabina taghha u kien qed ihares 'l fuq lejn il-post fejn kellu jiddepozita dan il-pakkett *bricks.* Hemm fuq il-haddiem Mark Aquilina kien inkarigat li joqghod attent ghal dan il-pakkett, u permezz ta' sinjali b'idejh, jidderigi lil Grech.

“Il-pakkett tal-*bricks* jidher li wasal sa fuq il-post fejn kellu jitnizzel u kien baqa' biss li jigi mnizzel bil-mod fuq il-bejt, taht id-direzzjoni ta' l-imsemmi Mark Aquilina. Minn fejn kien il-konvenut, ma setax jisma lil dawk ta' fuq il-bejt, minhabba l-hsejjes tal-magna tal-*crane* u hsejjes ohra ambjentali. Lanqas ma seta' jara il-wicc tal-konkos fejn kellu jitnizzel il-pakkett. Parti mill-hajt sal-faccata tat-triq

---

[4] Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italinao ed. 1903 vol.II. # 18 p.32-33

kienet diga nbniet, u din kienet tghatti aktar mill-vizwali tal-konvenut.

“Kif josservaw l-esperti teknici nominati fl-inkjesta magisterjali li kienet saret dwar dan il-kaz : "*Il-post fejn kellu jitnizzel il-pakkett tal-bricks kien ristrett hafna, billi kien hemm magna li taqta' l-knaten, ghodod u apparat iehor mxerrdin mal-art. Kien hemm ukoll wires tal-elettriku live mferrxin mal-art u fuq il-magni. Tant kien ristrett il-post illi kien hemm bzonn ta' attenzjoni specjali sabiex il-pakkett jitnizzel bil-mod, kemm sabiex il-bricks ma jixxelfux, kif ukoll sabiex ma ssirx hsara fil-bejt tal-prestressed slabs (planki) li fuqhom kien qed isir ix-xoghol*."[5] Ghalhekk kif ikomplu josservaw l-istess esperti, kien hemm il-htiega ta' haddiema biex jillinjaw il-pakkett fid-direzzjoni gusta huwa hu niezel. Jidher illi Louis Sultana (il-vittma) kien qrib hafna tal-post fejn kellu jitnizzel il-pakkett ghal dan l-iskop. Infatti meta ghal xi raguni jew ohra inhallu l-*bricks* minn mal-grabja, wahda jew aktar minnhom gew fuqu, ikkawzawlu feriti gravi f'rasu, tant li huwa miet ftit wara kawza ta' dawn il-feriti[6].

“RESPONSABILITA`

“L-atturi jikkontendu ghalhekk illi jahti ghal dan l-incident il-konvenut, talli ghamel uzu minn apparat mhux adattat ghall-iskop li ghalieh kien intenzjonat, u li ma kienx joffri sikurezza adegwata lill-haddiema tieghu. Il-konvenuti minn naha l-ohra jsostni (recte: jsostnu) illi dak li sehh kien accident jew forza magguri li m'ghandhomx ibatu huma ghall-konsegwenzi taghha.

“L-esperti teknici nominati fl-inkjesta magisterjali hekk jiddeskrivu l-apparat (il-grabja) uzata mill-konvenut biex ittella' l-*bricks* fuq il-lant tax-xoghol fejn sehh l-incident *de quo* :

"*Il-grabja wzata minn Francis Grech kienet bicca apparat home-made u tikkonsisti minn zewg angle irons, wahda*

[5] ara rapport tal-esperti teknici fl-inkjesta magisterjali relattiva a fol. 250 tal-process.
[6] ara konkluzjonijiet tal-magistrat inkwirenti fl-istess inkjesta fol. 246.

*f'kull tarf, li kellhom marbuta maghhom rota f'kull tarf taghhom. F'dawn ir-roti kien hemm jigri cable ta' l-azzar, li kien jispicca b'holqa f'kull tarf. Iz-zewg holoq kienu marbutin ma' holqa ta' l-azzar li kienet welded f'kull tarf ta' travu zghir ta' l-azzar. Dan it-travu kellu holqa f'kull tarf taht, u holqa ohra fin-nofs fuq. F'din il-holqa ta' fuq kien jidhol il-ganc marbut mal-cable tal-crane*."[7]

"Dwar il-mod kif kienet fil-fatt tintuza din il-grabja, l-istess esperti jkomplu jispjegaw illi :

"*Ma' gemb ir-roti, il-cable tal-azzar kellu clip, li kienet qed tipprotegi lill-pakkett milli jinbaram jekk xi tarf tieghu jinzel u ma jibqax orizzontali waqt it-titliegh. Huwa ta' mportanza vitali illi l-pakkett jibqa' orizzontali l-hin kollu sabiex jahdem sewwa. Dan ghaliex iz-zewg angle irons tat-tarf ma kienux jiddahlu taht il-kantuniera tal-bricks tat-tarf, izda kienu jitpoggew 'l isfel kemm jista' jkun, fejn kienu jrossu fuq il-gemb tal-bricks tat-tarf. Kollox kien jiddependi fuq il-forza tal-friction ta' bejn it-truf (edges) orizzontali ta' l-angles, u l-wicc ahrax (rough) tal-bricks. Il-forza tal-friction tirrizulta billi l-piz ta' l-istess bricks jistira l-cable f'forma ta' trianglu, b'mod li l-angles jigu jaghfsu fuq il-gemb tal-bricks tat-truf*".[8]

"Huwa evidenti illi dan l-incident sehh billi l-*bricks* ghal xi raguni jew ohra iccaqilqu minn posthom waqt li kienu hekk maqbudin f'din il-grabja. Jekk dan sehh minhabba xi skoss jew ghax inkisret xi brick jew mod iehor ma giex stabilit. Li hu zgur pero` illi din il-grabja ma kienitx tassikura bizzejjed li l-materjal li tkun qed iggorr ma jkunx jista' jaqa' sakemm jitwassal fuq il-lant tax-xoghol. Infatti l-esperti tekniki rrimarkaw fil-konkluzjonijiet taghhom illi d-disinn ta' din il-grabja kien inaccettabli mil-lat ta' sigurta` "***ghax l-assenza ta' qiegh li fuqu jitqieghed il-pakkett ossia taghbija bricks kien jaghmel lil dik il-grabja vulnerabbli f'kaz li jsehhu xi eventwalitajiet prospettati fit-taqsima precedenti***"[9].

[7] para. 16 a fol. 251.
[8] para 17 a fol. 251.
[9] para. 27 a fol. 253.

“Intqal a propositu mill-qrati taghna illi :

"*Il-principji li jirregolaw ir-responsabilita` ta' sid ta' intrapriza biex ihares is-sahha tal-impjegati tieghu huma ben stabiliti fil-gurisprudenza. Fil-kawza ingliza* ***'Wilsons and Clyde Coql Co. vs English'*** *deciza mill-House of Lords fl-1937, Lord Maugham osserva :* ***'In the case of employments involving risk … it was held that there was a duty on the employer to take reasonable care, and to use reasonable skill, first, to provide and maintain proper machinery, plant and appliances, and works; secondly to select proper skilled persons to manage and superintend the business and thirdly to provide a proper system of working****.'*

“*Fil-kawza* ***'Calleja vs Fino'*** *deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru 1980, gie kwotat b'approvazzjoni li:* ***'It is the employer's duty to provide a safe system of work. Any injury to which the employee has not contributed would be the sole responsibility of the employer. The fact that the system adopted had been in use for years without incident, is not proof that the system is safe : the accident in question justifies this***" [10].

“Il-konvenut jipprova jiskolpixxi lilu nnifsu mill-htija, billi jargumenta illi grabja bhal din ilha zmien tintuza ghal skopijiet simili minn kuntratturi tal-bini sew f'Ghawdex kif ukoll f'Malta, minghajr ma qatt inqala' incident bhal dan. Huwa opportun ghalhekk li jigi citat *in estenso* x'inghad mill-Qorti ta' l-Appell f'kawza fejn kienet qed tigi trattata eccezzjoni simili ta' **forza magguri.**

"*Hu ghalhekk importanti ghall-finijiet ta' din il-kawza li jigi precizat f'hiex tikkonsisti l-kolpa f'kaz ta' fatt dannuz li minnu torigina l-****azzjoni akwiljana*** ;

“*Hemm diversi definizzjonijiet fid-dottrina tal-'colpa', izda kif jesprimmi ruhu l-****Carrara*** *(Progr. Parte Gen. VolI. para.*

[10] Prim Awla : Charles Farrugia vs Malta Investment Management Company Limited : 9.10.2003; ara wkoll : Eugenio Cassar vs Hallett Construction Limited : P.A. 29.5.2001 ; Gordon Spiteri vs Waste Control Services Limited : P.A. 25.1.2000 ; Carmelo Cini vs Carmel Caccoparo noe. P.A. 5.10.1999.

*80) : 'Si mutino come piace le formule, ma il tripode sul quale s'asside la colpa sara' sempre questo :* ***volontarieta` dell'atto, (2) mancata previsione dell' effetto nocivo, (3) possibilita` di prevedere'.*** *Fil-para. 83, dan l-awtur jirribadixxi illi* ***'ma essenza della colpa sta tutta nella prevedibilita`*** *' ;*

"*Din hi n-nozjoni tal-'colpa' tradizzjonalment accettata fis-sistema legali malti, cjoe' dik bazata fuq il-prevedibilita`. Hu sewwa u logiku li jkun hekk; ghaliex il-prevedibilita`, bhal distinta mill-previzjoni, isservi biex tiddistingwi l-colpa' mid-dolo; u l-konkors taghha jiddifferenza l-kolpa mill-kaz fortuwitu. Dan hu l-koncett tal-awturi l-aktar akkreditati, fosthom, minbarra dak fuq citat,* ***Chironi*** *-' Colpa Extra-Contrattuale' ; il-****Pincherle*** *p.105. Manuale Dto. Penale, para. 49 -51;* ***Arabia****, Princip. Dto. Pen., pag. 127, para. 101;* ***Giuliani,*** *Istituz. Dto. Crim. p. 80 et seq.;* ***Brusa****, Saggio d'una dottr. gen. del reato p. 101; u l-****Crivellari****, Cod. Pen., Vol. III. para. 32 ;*

"*Din il-Qorti hi a konjizzjoni tal-fatt li xi awturi moderni riedu jissotitwixxu dan il-kriterju tal-prevedibilita' b'nozzjonijiet ohra … izda jghid sewwa f'publikazjoni recenti (1956), il-****Barsiello****, Primo Presidente Corte Suprema di Cassazione, fil-ktieb tieghu "I limiti della Responsabilita` per Danni' p. 299 : - 'Senonche` bisogna sempre tener presente che quando si voglia approfondire la natura della condotta che viene definita negligente, imprudente e simili, quando si voglia valutare la efficenza della causa non da un punto di vista astratto e meccanico, ma agli effetti di farne derivare la responsabilita`, non si puo' fare astrazione dalla disamina, se, nel caso, l'effetto era prevedibile. Il criterio della prevedibilita` o non dell'evento in conseguenza della condotta possa o non qualificarsi imprudente, negligente, e simili; ed e' percio che coloro che avversano la enunciata antica teorica non possono fare astrazione, sia pure con altro linguaggio, dal 'prevedibile', quando si fanno a precisare i limiti del fatto colposo.'*

"*Il-konvenut, ghall-assunt tal-kolpa sostnut mill-atturi, jopponi l-kaz fortuwitu, li hu kostitwit minn avveniment*

*imprevedibbli u inevitabbli. Ara anki 'Contracts and Torts' tal-Wilshire and Robb, pag. 91, fejn id-difiza ta' : absence of negligence' hi definita bhala dik fis-sens li '… **the defendant had taken all reasonable precautions, and that the damage occured through something which human foresight could not reasonably be expected to anticipate**.*"[11]

“Hekk naraw illi fil-kaz in ezami, il-konvenuti ma ressqu ebda prova sabiex jissostanzjaw l-allegazzjoni taghhom tal-forza magguri jew kif tissejjah wkoll *act of God.* Anzi ghall-kuntrarju kollox jindika illi incident simili ghalkemm mhux daqstant komuni, minkejja illi hemm hafna kuntratturi li juzaw din is-sistema biex itellghu il-materjal fuq il-lant tax-xoghol, kien prevedibbli. Il-minimu li messu kellha din il-grabja kien, kif tajjeb indikaw l-esperti teknici hawn fuq citati, huwa qiegh li fuqu jitqieghed il-gebel jew materjal iehor li jkun ser jintrefa. Gialadarba dan ma kienx provdut, kien prevedibbli ghall-konvenut li jistenna illi dawn jistghu jaqghu bil-konsegwenzi anke fatali, kif sfortunatament gara fil-kaz taghna. Apparat bhal din il-grabja uzata mill-konvenut tista' tghid kien sfida kontinwa ghal-ligijiet tal-fizika. Xejn ma jagevola lill-konvenut il-fatt illi huwa kien ilu juzaha ghal bosta snin minghajr incidenti u li haddiehor kien juzaha ukoll, ghax kif qalet l-istess Qorti ta' l-Appell fis-sentenza hawn citata, "… ***l-abbuz tal-bwona fortuna fl-imghoddi ma jistax jiggustifika n-non-kuranza tal-prezent*** … "[12]

LIKWIDAZZJONI TA' DANNI

“Fil-ligi taghna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Bhal ma ghandna fil-kaz in ezami, jekk minhabba l-eghmil li jaghti lok ghad-danni xi hadd imut, il-Qorti tista' flimkien mat-telf u spejjez attwali ikkagunati, taghti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bhal fil-kaz ta' inkapacita` totali ghal dejjem[13]. Madankollu, kif gie osservat mill-Qrati taghna, f’din il-materja ma hemmx

---

[11] Annunziato D"Amato et vs Jsoeph Camilleri et. (1958); kollez. Vol. XLII I. 80..

[12] ibid. pag. 83.

[13] art.1046 Kap. 16.

regoli fissi u nflessibbli, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni, ghax kollox jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Is-somma tad-danni hi rimessa ghall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi[14]. Fl-ezercizzju ta' din id-diskrezzjoni taghha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, ghandha thares lejn ic-cirkostanzi molteplici, u tista' ukoll utilment tuza bhala *tests* biex tikkontrolla c-cifra finali, id-diversi modi ta' kompitu suggerit mill-gurisprudenza estera f'dan ir-rigward, minghajr ma tivvinkola ruhha b'xi wiehed minnhom partikolari, sabiex b'dan il-mod ikun dejjem hemm certa elasticita` ta' kriterju adattabbli ghall-partikolaritajiet ta' kull fattispecie[15].

“”Skond il-ligi taghna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'zewg aspetti : id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegh futur (*lucrum cessans*).

“A. **Damnum Emergens : (a) Spejjez tal-funeral :** jirrizulta li l-atturi nefqu Lm1175.55 biex ghamlu funeral kif jixraq lill-mejjet Louis Sultana. Dan l-ammont huwa kollu konfermat bl-ircevuti esebiti[16] u skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, ghandhom jigu akkordati fl-interezza taghhom. **(b) Spejjez tal-kopja tal-process verbal** tal-inkjesta magisterjali li kienet saret dwar dan l-incident. Mill-ircevuti relattivi jirrizulta li ntefqu Lm27.00 u Lm74 ghal dan il-ghan[17]. Huwa evidenti illi r-rizultanzi teknici ta' din l-inkjesta kienu rilevanti ghal din il-kawza u ghalhekk huma wkoll ripetibbli. L-atturi jippetendu li jirkupraw ukoll spejjez ohra li kienu ghamlu huma jew il-vittma stess sabiex dan jarma b'makkinarju u ghodda mehtiega ghall-biedja. Imma kif tajjeb qalu l-konvenuti fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom min jirreklama d-danni ghandu dejjem jimminimizzahom,[18] u ghalhekk jekk l-atturi spiccaw b'makkinarju u ghodod mhux utili ghalihom, kellhom jippruvaw jiddisponu minnhom kemm jista' jkun

[14] Savona vs Asphar : Appell : 23.6.1952.
[15] Carmelo Fenech vs Antonio Galea; vol. XL. I. 73 ; Francis Galea vs. Bartolomeo Grech ; vol. XLII. II. 1019.
[16] ara Dokti. FS 4 sa FS 17 a fol. 158 - 166 tal-process.
[17] Dok. CG. 2 a fol. 97 u Dok. CG.1 a fol. 321.
[18] ara Prim Awla Maria Attard vs Saviour Borg d'Anastasi (13.3.1989), u Prim Awla : Anna Stanley vs Alan Zahra (23.3.1993).

malajr biex igibu prezz tajjeb ghalihom, specjalment jekk, kif jallegaw, hafna min dan il-makkinarju kien ghadu gdid.

"B. **Lucrum Cessan**s : Dwar il-metodu kif jigi komputat dan it-telf futur, ma hemm l-ebda regola fissa u l-Qrati taghna adottaw diversi kriterji. Kif intqal pjuttost recentement mill-Qorti ta' l-Appell : "*Jinghad illi l-Qrati taghna fil-pronuncjament taghhom dwar kriterji li ghandhom jintuzaw biex jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'kazijiet simili dejjem jaghtu lok ghalihom, qatt ma rrinuzjaw ghall-fakolta` diskrezzjonali taghhom ….. Diversi drabi l-Qrati taghna segwew il-principji enuncjati fil-kawza 'Butler v. Heard'.***[19]** Imma kif gie enfasizzat f'sentenza ohra ta' dik il-Qorti, ccitata favorevolment fis-sentenza taghha f'dik il-kawza :

*"Il-Qorti tara li fil-gurisprudenza taghna gie kemm-il darba mishuq li minkejja certi principji li jirrizultaw mill-gurisprudenza, dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabbilita`. Inoltre, id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, li meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-rejalta`.*[20]

"Ghal numru ta' snin il-Qrati taghna fil-maggior parti tal-kazi segwew rigorozament il-metodu stabilit ghall-ewwel darba fil-kawza "**Butler vs Heard**". Din il-kawza taghat origini ghal dak li jissejjah il-***multiplier system*** li fiha l-percentwali tad-debilita` u l-qliegh annwali tal-korrut jigu moltiplikati bis-snin tal-hajja lavorattiva bazata fuq il-*life expectancy* tieghu mizjud b'percentwali biex taghmel tajjeb ghall-inflazzjoni u ziedet fil-pagi, u b'riduzzjoni ta' certu ammont minhabba l-*lump sum payment.* F'dawn l-ahhar snin pero` dan il-metodu ta' kalkolazzjoni gie modifikat sabiex ikun iktar rejalistiku u jiehu konsiderazzjoni ahjar tac-cirkostanzi taz-zmenijiet attwali[21].

---

[19] Carmelo sive Charles Micallef et vs Richard Spiteri et : Appell : 15.1.2002.
[20] Francis Sultana vs. John Micallef et noe.et : Appell : 20.7.1994.
[21] Emanuel Mizzi vs Carmel.Attard : sentenza ta' din l-Qorti tat-13.5.2003.

“Fil-kaz in ezami nsibu illi l-vittma mietet u ghalhekk, kif jistipula l-artikolu 1046 tal-Kap. 16 gia citat, id-danni jridu jigu kkalkolati bhallikieku l-vittma garrbet debilita’ permanenti totali.

“Meta sehh l-incident mertu ta' din il-kawza l-attur kien impjegat mal-konvenut fl-industrija tal-bini. Kellu paga bazika ta' Lm3960 fis-sena. L-atturi jippretendu illi ghandu jittiehed ukoll in konsiderazzjoni x-xoghol *part-time* li huma jallegaw li kien qed jaghmel bhala bidwi Louis Sultana. Apparti l-fatt illi l-atturi stess jammettu illi l-vittma kienet ghadha qeghda tarma f'dan ix-xoghol u ghalhekk ma setghax ghad kellu xi introjtu kostanti mill-biedja, ma ngiebet ebda prova konkreta illi huwa tassew kien regolarment qed jaqla l-flus ukoll mill-biedja[22]. Giet esebita dikjarazzjoni minn Magro Brothers dwar kwantita` ta' tadam li gie mixtri fuq medda ta' sitt snin minghand il-vittma[23]. Giet ukoll esebita applikazzjoni ghall-bini ta' serra minn Louis Sultana[24]. Imma dawn id-dokumenti wahedhom ma jikkostitwux prova konkreta dwar xi dhul tal-vittma mill-biedja. M'hemm l-ebda raguni ghalhekk ghaliex m'ghandhiex tkun din ic-cifra ta' Lm3960 li tittiehed bhala bazi ghall-introjtu tal-vittma sabiex fuqha jigi kkalkolat dak dovut.

“Fil-kawzi li segwew Butler vs Heard b’mod rigoruz, il-hajja lavorattiva ma kienitx tigi kkalkolata a bazi tas-snin kollha li kien ghad baqaghla tahdem il-vittma, kieku ma sehhx l-incident, imma normalment kienet tittiehed hajja lavorattiva ta’ ghoxrin (20) jew hamsa u ghoxrin (25) sena. Illum il-gurnata pero` meta l-*life expectancy* twalet sostanzjalment, tant illi hafna pajjizi qed itawwlu wkoll l-eta` tal-pensjoni, ma baqa’ ebda raguni ghaliex il-hajja lavorattiva ma tigix kalkolata kollha[25]. Meta sehh dan l-incident l-attur kellu 21 sena[26] u ghalhekk kien ghad

[22] ara f'dan ir-rigward : Prim Awla : Josephine Schembri et vs Nathalie Navarro (21.5.1996).
[23] Dok. FS 2 a fol. 156.
[24] Dok. FS 1 a fol. 155.
[25] Agius vs. Galea et noe.: Kummerc : 11.7.1989; Buttigieg vs Azzopardi : Kummerc : 25.7.1989; Mario Camilleri vs Mario Borg: Prim Awla: 8.5.1990.
[26] ara certifikat tal-mewt tieghu: Dok.A a fol. 5 tal-process

baqaghlu hajja lavorattiva ta' 40 sena. Skond il-gurisprudenza kostanti, minhabba l-*lump sum payment*, (u hawn mhux il-kaz li l-attur ilu jistenna hafna snin biex tinqata' s-sentenza), ghandu jitnaqqas kwint (1/5). Peress illi l-kalkoli qed jinhadmu fuq paga ta' 6 snin ilu, irid jinghata kumpens xieraq ukoll biex jaghmel tajjeb ghar-rata ta' inflazzjoni. Normalment din tkun ta' ghoxrin fil-mija (20%). Billi wkoll irid jittiehed in konsiderazzjoni li l-vittma kienet ser tonfoq parti sostanzjali mill-introjtu taghha bhala *personal consumption*, ghandha titnaqqas percentwali ohra biex taghmel tajjeb ghal dan. Tenut kont illi l-vittma ma kienitx il-*bread winner* tal-familja, li Louis Sultana kien guvni b'possibilita` ragonevoli li jizzewweg u tenut kont ukoll illi f'emendi recenti ghall-ligi f'dan ir-rigward, li pero` ghadhom ma gewx fis-sehh[27], ir-riduzzjoni ghall-*personal consumption* giet iffissata fil-percentwali ta' 30 fil-mija, il-Qorti jidrilha illi riduzzjoni ta' 40 fil-mija, fic-cirkostanzi tal-kaz, ghandha tkun adegwata ghal dan il-ghan [28].

“Ghalhekk l-ammont dovut irid jinhadem hekk: Lm3960 (paga bazi) x 40 (snin ta' hajja lavorattiva) x 80% (minhabba l-*lump sum payment*) x 100% (debilita` permanenti) x 120% ( ghaz-zieda fl-inflazzjoni) x 60% (minhabba r-riduzzjoni ghall-*personal consumption* u nuqqas ta' dipendenza ta' l-atturi fuq il-vittma) = Lm91,238.40.

“RI-EPILOGU

“Ghaldaqstant l-ammont totali pagabbli lill-atturi in linea ta' danni kkagunati per konsegwenza ta' l-incident mertu ta' din il-kawza, huma s-segwenti :

1. Damnum emergens : Lm 1175 +
Lm 27
Lm 74
Lm 1276;

2. Lucrum Cessans: Lm 91,238

[27] Att VI tal-2004 art. 3.
[28] ara wkoll Appell: Joseph Meli pro et noe. vs Captain Jude Taddeo sive Teddy Cachia (21.11.1994), fejn it-tnaqqis kien ta' 50% .

- Total ta': Lm 92,514.

"Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici u:

"1. tiddikjara lill-konvenut Francis Grech unikament responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza ;

"2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi minhabba fl-istess incident, fl-ammont ta' tnejn u disghin elf, hames mija u erbatax-il lira maltija (Lm92,514); u

"3. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont hekk likwidat lill-atturi.

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali spedita lill-konvenuti, u tal-mandat ta' inibizzjoni u dak ta' sekwestru pprezentati kontestwalment mac-citazzjoni, kontra l-istess konvenuti."

**L-APPELL TAL-KONVENUTI**

2.1. Il-konvenuti Francis Grech u martu Rita Grech hassewhom aggravati bis-sentenza msemmija u ghalhekk interponew appell minnha ghall-fini tar-revoka taghha bic-cahda tat-talbiet attrici u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

2.2. L-aggravji tal-konvenuti appellanti jirreferu kemm ghat-talba dwar responsabbilta` ghall-incident *de quo* u kemm ukoll dwar il-likwidazzjoni tad-danni maghmula mill-Qorti ta' l-ewwel grad.

2.3. In succint l-aggravji surreferiti jistghu jigu migburin kif gej:-

(a) Bil-maqlub ta' dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti, il-konvenut Francis Grech ma kien jahti xejn ghas-sinistru. L-incident *de quo* ma garax minhabba li l-"grabja" jew _harness_, li kienet qeghda ggorr qabda ta' madwar erbatax-il *brick*, kellha xi difett izda gara invece ghar-raguni li l-istess *bricks* waqghu u laqtu fatalment lil Luigi Sultana, li kienipposizzjonat taht dan il-"pakett tal-*bricks*"

fil-mument li sehh l-incident. Dan ifisser li "l-kawza prossima ta' l-incident ma kienx l-apparat intuzat mill-konvenut appellant, izda l-*bricks* infushom".

(b) Il-krejn u l-apparat kollu konness ma' din il-"grabja" kien gie ccertifikat u mghoddi min-naha ta' inginier mekkaniku, u dana l-ezami kien isir kull sena u l-appellant ghamel riferenza ghax-xiehda moghtija mill-inginier mekkaniku Paul Refalo in sostenn. Huwa l-piz tal-bricks stess li jzomm l-imqass ("harness" jew "lifting tackle") tul il-hin kollu waqt il-process ta' garr, u jirrizulta mill-provi li dan l-apparat kien wiehed "safe".

2.3. Skond l-appellanti, "il-persuna li kellha tigi mharrka m'hijiex l-imghallem u l-operatur, izda l-fornitur tal-*bricks* ossija min ikun immanifattura l-*bricks* – f'dan il-kaz, Rapa Bros. Company Ltd." L-appellanti jargumentaw li "jekk il-*brick* tkun diffettuza, din tinfaqa' u, jekk jigri hekk, jista jikkrolla kollox – kif gara f'dan il-kaz". L-ewwel Qorti "addossat ir-responsabbilita` fuq l-esponenti ghaliex lilu biss kellha quddiemha", meta dan ma kellux mis-sewwa u kien zbaljat. Skond l-appellanti, gara li l-ewwel Qorti strahet ghal kollox fuq ir-rizultanzi "zbaljati" milhuqa mill-periti gudizzjarji waqt l-inkjesta magisterjali mnejn jirrizulta li dawn l-esperti "minflok illimitaw ruhhom ghal konsiderazzjonijiet attwali cioe` cirkostanzi ta' dak li gara fil-kaz prezenti, hallew lilhom infushom jimirhu fil-kamp ta' dak kollu li seta' jigri taht il-kappa tax-xemx".

2.4. Minbarra s-suespost, l-appellanti jissottomettu inoltre li l-fatt li l-apparat tal-grabja ma kellux qiegh ma kienx il-fattur li wassal ghas-sinistru ghaliex dan il-fatt ried "jigi ekwilibrat (sic) mal-fatt illi l-apparat jiddependi mill-*friction* orrizzontali".

In-ness kawzali, f'kazi ta' htija o meno, irid jigi ppruvat fil-ligi taghna u ma jistax jigi presunt – li hu proprju l-izball li inkorriet fih l-ewwel Qorti, dejjem skond il-konvenuti appellanti. L-ewwel Qorti ghalhekk ghamlet apprezzament skorrett kemm tal-fatti kif ukoll tal-ligi.

2.5. It-tieni aggravju, li nghata bla pregudizzju ghall-ewwel wiehed, hu li kien hemm kontributorjeta` ghas-sinistru min-naha tal-vittma nnifsu. Skond l-appellanti, il-vittma "ghazel, ghax ried hekk hu u hadd aktar, li jersaq jew jipposizzjona ruhu taht il-pakkett tal-*bricks* sospiz fuq rasu – haga li assolutament ma kellhiex issir". Filwaqt li l-ligi timponi fuq l-"employer" l-obbligu li jassigura s-sigurta` tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol, il-haddiem "m'ghandux jaghmel affarijiet li s-sens komun u l-prudenza jirrikjedu li huwa ma jaghmilx". Li kieku Luigi Sultana zamm distanza sufficjenti, il-*bricks* ma kenux jaqghu fuqu u l-mewt kienet tigi evitata.

Minbarra dan, jirrizulta li ma' l-art fil-lok ta' l-incident kien hemm imhollijin numru ta' *wires* ta' l-elettriku attivi li kienu mferrxin kemm ma' l-art kif ukoll mal-magni. Dawn thallew hemmhekk mill-proprjetarji ta' l-Arkadia Complex fejn kien qieghed isir ix-xoghol u zgur li ebda kolpa ma setghet tinxtehet dwarhom fuq il-konvenut, kif fil-fatt donnha rriteniet zbaljatament l-ewwel Qorti.

Kien obbligu ta' l-atturi li jipprovaw ukoll min u kif sewwasew ikkaguna s-sinistru u mhux jaqbdu u jduru kontra l-imghallem u jieqfu hemm.

2.6. It-tielet u l-ahhar aggravju huwa konness mal-likwidazzjoni tad-danni. Skond l-appellanti, "multiplier" ta' 40 sena hajja lavorattiva hu wiehed esagerat u lanqas ma jiehu in konsiderazzjoni aspett importanti ta' "the changes and chances of life". Il-kalkolu rigward il-paga u d-dhul tad-*decujus* kien ukoll zbaljat u kellu jkun ta' Lm2,860 u mhux Lm3,960 kif moghti mill-ewwel Qorti. L-appellanti jaghmlu riferenza ghas-sentenza **Butler v. Heard** li kellha sservi bhala gwida. Tnaqqis ghal fini ta' taxxa fuq l-introjtu u kontribuzzjonijiet socjali ohra lanqas biss gew kunsidrati. Ghalkemm l-ewwel Qorti semmiet fis-sentenza t-tnaqqis li solitament jigi applikat f'kazi simili minhabba d-*degree of dependence*, fil-fatt dan ma giex ikkonsidrat mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha.

## IR-RISPOSTA TA' L-ATTURI APPELLATI

3.1. L-atturi appellati, fir-risposta estensiva u elaborata li kwantitattivament tikkompara ghal kollox mar-rikors ta' appell tal-kontroparti, wiegbu li s-sentenza appellata hija wahda gusta u timmerita li tigi kkonfermata u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi rigettat bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti konvenuti.

3.2. Mill-provi jirrizulta bic-car, skond l-appellati, li unikament responsabbli kellu jinzamm il-konvenut. Sal-mument li fih gie intavolat l-appell, isostnu l-appellati, il-konvenut qatt ma ppunta subajgh lejn xi persuna ohra bhala l-persuna responsabbli ghal dak li gara. Kif lanqas ma saret l-icken allegazzjoni illi l-waqgha tal-*bricks* kienet dovuta ghal xi difett fil-materja prima li hu stess kien qieghed juza waqt li kien qieghed jimmanuvra din l-operazzjoni permezz ta' krejn. Il-fatti juru li l-konvenut ma pprovdiex ghal sistema "safe" fuq il-lant tax-xoghol, li kien jinvolvi tqandil u skarikar ta' *bricks* permezz ta' krejn u grabja. Skond l-appellati, "Kull ma kien mehtieg illi jsir sabiex jigu evitati incidenti simili .... kien illi kull meta l-grabja titghabba bil-*bricks* (kien illi) isir forma ta' 'loop' li jghaddi minn gol-*bricks*...". Jekk issa l-konvenuti qeghdin jallegaw li seta' kien li l-*bricks* kien wiehed difettuz, tali prova kienet tispetta lilhom u mhux xort'ohra. Apparti li l-*bricks* setghu waqghu ghal raguni differenti minn kif suggerit mill-konvenuti.

3.3. Dwar it-tieni aggavju l-appellati wiegbu li rrizulta mill-provi li l-konvenut Francis Grech bhala l-"employer" naqas milli jipprovdi "a safe system of work". Ma huwiex sufficjenti ghall-konvenut li jghid li l-grabja *per se`* ma kellha ebda difett fiha. Kien jinkombi fuqu li jara li <u>t-thaddim</u> u manuvrar taghha kien "safe" ghall-haddiema. In-ness kawzali bejn din in-negligenza u traskuragni tal-konvenut, u l-mewt ta' Luigi Sultana kien wiehed palezi.

3.4. Il-possibilita` ta' kontributorjeta` da parti tad-*decujus* dwar l-incident *de quo* ma tirrizultax mill-provi. Lanqas ma kienet tqajmet qabel il-possibbilita` l-ohra, imsemmija fir-rikors ta' l-appell, jigifieri dik li seta' kien hemm htija tat-terz bhalma huma l-proprjetarji ta' l-Arkadia Complex fejn

kien qieghed isir ix-xoghol jew tal-kumpannija li fornit il-*bricks* li waqghu u qatlu lil Luigi Sultana.

3.5. Dwar il-likwidazzjoni tad-danni, l-appellati jsostnu li l-"multiplier" adoperat mill-ewwel Qorti kien wiehed gust u korrett u l-istess kellu jinghad fir-rigward tal-bqija tal-likwidazzjoni fir-rigward ta' paga u introjtu tad-*decujus* u jekk kien hemm xi rimarki xi jsiru dawn pjuttost kellhom ikunu fis-sens li l-ewwel Qorti ghogobha tinjora provi konklussivi dwar introjti addizzjonali tad-*decujus* minn xoghol iehor fil-qasam agrikolu.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

4. Il-fatti li taw lok ghal din il-procedura huma sufficjentement cari. Luigi Sultana, impjegat bhala manwal mal-konvenut Francis Grech f'xoghol ta' kostruzzjoni, safa` milqut fatalment minn numru ta' *bricks* li waqghu fuq persuntu u qatluh. Fil-mument li sehh dana l-incident kemm il-konvenut kif ukoll il-vittma kienu qeghdin jahdmu fil-bini maghruf bhala Arkadia Complex li jinsab fi Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Ghawdex. Dak il-hin l-imghallem ta' Luigi Sultana, jigifieri l-konvenut, kien qieghed jopera krejn li mieghu kien hemm iggancjata "grabja", ossija apparat li jerfa' materjal, fosthom *bricks*, u x-xoghol ta' Luigi Sultana, li kellu 21 sena, kien dak li jistenna l-wasla ta' "pakkett ta' *bricks*" – qabda li toxxilla bejn ghaxar jew erbatax-il *brick* – u minn posizzjoni kemm jista' jkun qrib il-grabja jidderiegi manwalment l-inzul u l-iskarikar tal-*bricks*. F'wahda minn dawn l-operazzjonijiet, ghal xi raguni, il-pakkett tal-*bricks* ma baqax marsus fil-grabja u spicca minflok biex dan il-pakkett ta' *bricks* "infetah" u xi *bricks* minnu laqtu fatalment lil Sultana. L-incident sehh ftit qabel l-10 ta' filghodu tat-12 ta' Mejju 1998. Jirrizulta inoltre mill-provi li l-post fejn kellu jitnizzel il-*bricks* kien ristrett hafna, u dan ukoll minhabba l-prezenza ta' magna li taqta' l-knaten, ghodod u apparat iehor imxerrdin ma' l-art. Kien hemm ukoll "wires" ta' l-elettriku "live" imferrxin ma' l-art u fuq il-magna. Skond il-fehma tal-periti nominati fl-inkjesta magisterjali (ara fol. 250 tal-process):

"Tant kien ristrett il-post illi kien hemm bzonn ta' attenzjoni specjali sabiex il-pakkett jitnizzel bil-mod, kemm sabiex il-*bricks* ma jixxellfux, kif ukoll sabiex ma ssirx hsara fil-bejt tal-pre-'stressed slabs' (planki) li fuqhom kien qed isir ix-xoghol."

5. Mill-provi jirrizulta li l-grabja uzata minn Francis Grech kienet tikkonsisti f'apparat "home-made", kontenenti zewg "angle irons", wahda f'kull tarf, li kellhom marbuta maghhom rota f'kull tarf taghhom. Minn gewwa dawn ir-roti, kien hemm jigri "cable" ta' l-azzar, li kien jispicca b'holqa f'kull tarf. Iz-zewg holoq kienu marbutin ma' holqa ta' l-azzar li kienet iwweldjata f'kull tarf ma' travu zghir ta' l-azzar. Dan it-travu kellu holqa f'kull tarf taht, u holqa fin-nofs ta' fuq. F'din il-holqa ta' fuq kien jidhol il-ganc marbut mal-"cable" tal-krejn.

6.1. Din il-Qorti, wara li ezaminat mill-gdid il-provi estensivi li ngabru fil-kors ta' l-inkjesta u maghduda ma' dawn il-provi l-ohra kollha li ngabru quddiem l-ewwel istanza, u wara li hadet kont tas-sottomissjonijiet fit-tul kemm ta' naha u kemm ta' ohra, hija tal-ferma konvinzjoni li l-aggravji tal-konvenuti appellanti dwar responsabbilita` huma infondati. Fl-aggravji taghhom, l-appellanti jimbarkaw fuq spedizzjoni bl-iskop ovvju li "jippruvaw" isibu u jixhtu l-htija ghal dak li gara fuq haddiehor: jghidu li hawn si trattava ta' "act of God," li l-vittma kien jahti wkoll ghaliex ma kellux ikun ipposizzjonat hemmhekk taht il-pakkett tal-*bricks* u jahdem qalb hafna ostakoli ingombranti madwaru; jippuntaw lejn il-kumpanija li fornit il-*bricks* billi dan seta' kien difettuz; jindikaw ukoll lill-proprjetarji ta' l-Arkadia Complex talli dawn hallew "wires" ta' l-elettriku jigru ma' l-art, u possibilment jahti wkoll l-inginier mekkaniku li ccertifika l-apparat uzat bhala wiehed "safe". Fi kliem iehor, skond l-appellanti, il-htija zgur ma kenitx attribwibbli lilhom u kien jinkombi fuq l-atturi appellati li jaraw u jfittxu lil min kien tassew responsabbli legalment, li, skond huma, seta' kien kulhadd ad eccezzjoni taghhom.

6.2. Din il-Qorti hija invece tal-fehma kuntrarja u li m'ghandux ikun hemm dubju li jirrizulta ness ta' kawzalita`

diretta bejn l-operat tal-konvenut u l-mewt ta’ Luigi Sultana, imqar jekk dan l-agir kien wiehed kolpuz. Il-konvenut, kemm fix-xiehda tieghu kif ukoll tramite s-sottomissjonijiet kopjuzi tal-legali tieghu pprova juri li hu kien imexxi l-operazzjoni tax-xoghol tieghu ta’ kostruzzjoni b’mod sodisfacenti, bl-uzu ta’ apparat li kien certifikat bhala wiehed “safe” u li jekk kien hemm xi nuqqasijiet dawn kienu ta’ haddiehor. Din il-Qorti thoss li ghandha taghmel riferenza ghal dik il-parti tas-sentenza appellata dwar responsabbilta`, ma’ liema hija taqbel, u dan a skans ta’ ripetizzjoni, biex turi n-nuqqasijiet varji da parti tal-konvenut. Izda sabiex turi addizzjonalment kemm l-aggravji dwar responsabbilta` huma bla bazi hija sejra ticcita siltiet mill-atti tal-process biex turi kemm dan hu hekk. Filwaqt li huwa minnu li l-periti nominati fl-inkjesta jghidu li “mhux maghruf ezattament x’gara li gieghel il-pakkett jaqa’ ”, daqstant iehor pero` huwa minnu li l-istess periti osservaw *inter alia* li gej dwar il-grabja (fol. 251, para 18 et seq.):-

“Ghalkemm dan l-apparat kien jintuza b’dan il-mod, jista’ jkun illi min iddisinjah kellu f’mohhu illi l-‘angles’ jaqbdu taht ix-xifer tal-*bricks* tat-tarf, u mhux semplicement jaghfsu fuq il-gnub. Sabiex isir hekk ried ikun hemm speci ta’ *platform* fuq it-trakk tal-*bricks*, maghmula b’mod illi l-kantunieri tat-tarf tal-pakkett kienu jigu ftit centimetri ’l fuq mill-art, sabiex wiehed ikun jista’ jlibbes l-‘angles’ minghajr tbatija. F’dan il-kaz, izda l-pakkett kien jitlesta fuq il-kaxxa tat-trakk, u dak li kien inkarigat sabiex ipoggi l-grabja fuqu ma setax idahhal l-‘angle’ taht il-kantunieri, ghaliex inkella l-*bricks* tat-tarf kienu jigu aktar gholjin minn dawk tan-nofs.

“19. Gie nnotat (Dok FUT 46), illi bil-forza li kienet qed issir ta’ pressjoni fuq it-truf t’ isfel tal-pakkett, il-*bricks* spiccaw marsusin ma’ xulxin min-naha t’ isfel, izda sseparaw minn xulxin min-naha ta’ fuq. Hekk il-forza tal-FRICTION, li tiddependi hafna mis-SURFACE AREA li fuqha tkun qed tigi maghmula, kienet ridotta konsiderevolment.

“20. Dan il-fattur kien il-kagun illi t-truf t’isfel ikunu taht pressjoni kbira, filwaqt illi t-truf ta’ fuq lanqas biss ikunu jmissu ma’ xulxin. Hekk facilment jista’ jigri li xi *brick*

tinkiser jew tixxaqqaq f'dan il-punt, u tikkawza skoss fatali."

Ma dawn l-osservazzjonijiet ta' natura teknika, hemm bosta ohrajn li lkoll jimmilitaw kontra t-tezi ta' l-appellanti li l-apparat kien "safe" u li l-konvenut ipprovda "a safe system of work". Fosthom insibu dawn li gejjin:-
(1) Il-pakkett ried jibqa' stabbli u minghajr ebda moviment bejn il-*bricks* waqt it-tlugh, ghaliex kwalunkwe skoss seta' gieghel il-*bricks* jinhallu u jinzlu 'l isfel.
(2) Bejn "ANGLE" u ohra ma kien hemm xejn rigidu li jzommhom f'posthom.

(3) Ma kien hemm ebda qiegh f'dan l-apparat (ara d-disinn a fol. 31 tal-process), u ghalhekk kulma jaqa' minnu kien jinzel ghal isfel minghajr ebda kontroll ta' xejn.

(4) Il-haddiema kienu lebsin biss 'hard hats' bhala protezzjoni.

(5) Il-ganc tal-krejn kien wiehed qadim u minghajr 'safety clip'.

7.1. Dwar il-grabja din il-Qorti thoss li ghandha tirrileva illi m'huwiex bizzejjed ghall-konvenut li jistrieh fuq dak li ccertifikalu l-Inginier mekkaniku Paul Refalo u jieqaf hemm. Kulma rrizulta hu li dan l-inginier mekkaniku ra l-apparat superficjalment u rah bla difetti u xejn izjed (ara certifikat a fol. 63 tal-process) minn daqshekk.

7.2. Dwar il-*modus operandi* ta' kif kien isir it-tqandil u l-ippustjar tal-*bricks*, anke hawn jirrizulta prevalenti sistema insodisfacenti ghall-ahhar minn punto di vista ta' "sigurta`". Wiehed mill-haddiema, Michael Attard, *inter alia* xehed hekk (fol. 46 tal-process) dwar din il-parti ta' l-operazzjoni in kawza:-
"Sinjali lill-Francis Grech kienu jaghmlu daqqa wiehed u daqqa iehor ... Minn fuq il-bejt ma twassalx il-vuci, u ghalhekk il-messaggi jinghataw bis-sinjali ta' l-idejn...

X X X

"Il-*handle* li hemm ma l-'ANGLE IRONS', jiena nuzaha biex naqbad minnha.  L-ohra ma fihiex *handle* izda jien xorta nahdem biha.

"Mistoqsi jekk jintrabatx xi habel mal-pakkett biex jikkontrollah nghid li le.  Il-pakkett jigi ggwidat mill-CRANE stess, u meta jersaq fuq il-post jiggwidawh bl-idejn. Kemm ili nahdem ma' Frans ma kelli ebda incident, u tellajna kwantita` ta' *bricks*."

7.3. Din il-Qorti tista' tibqa' ticcita siltiet ohrajn mid-deposizzjonijiet moghtijin biex turi n-negligenza kolpuza da parti ta' l-imghallem konsistenti fil-fatt li dan m'gharafx jiehu prekawzzjoni ragjonevoli biex incidenti gravi simili ma jigrux.  Ma jiswa xejn li l-appellant jghid li haddiehor kien ihaddem sistemi simili ghal tieghu.  Kif gustament irrimarkat l-ewwel Qorti – ghalkemm din il-Qorti rriskontrat diversi mankanzi lampanti ohrajn,
"Il-minimu li messu kellha din il-grabbja kien, kif tajjeb indikaw l-esperti teknici hawn fuq citati, huwa qiegh li fuqu jitqieghed il-gebel jew materjal iehor li jkun sejjer jintrefa'".

Il-Qorti la rriskontrat li hawn si trattava ta' xi kaz fortuwitu ("act of God") u lanqas li kien hemm xi htija kontributorja li setghet tigi attribwita lill-vittma.  Dan kien qieghed jesegwixxi ezattament dak li kien mistenni minnu min-naha ta' l-imghallem tieghu – xejn anqas u xejn aktar. Jekk imbaghad il-konvenut deherlu li l-*bricks* fornut lilu seta' kien difettuz – fatt li mhux ippruvat imma biss frott ta' mera possibbilita` – tali prova kienet tispetta lil min qieghed jallegaha.  Jekk kien hemm materjal ta' "wires" u hwejjeg ohrajn jirrestringu l-movimenti tal-haddiema, kien ukoll jinkombi fuq l-imghallem taghhom li jara li jipprovdilhom "a safe system of work" u mhux jixhet tali responsabbilita` fuq il-haddiema tieghu.

Ghalhekk l-aggravji dwar ir-responsabbilita` ghall-akkadut jirrizultaw li huma infondati u qeghdin jigu respinti.

8.1. Fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni l-appellanti jressqu diversi lanjanzi, jigifieri;

i. dwar it-tul esagerat – 40 sena hajja lavorattiva – li fuqu nhadem il-“multiplier”;
ii. dwar l-introjtu pprospettat tad-*decujus* ghall-fini tal-*lucrum cessans* li nhadmet a bazi ta’ Lm3,960 per annum meta rrizulta li l-vittma kien jaqbad biss paga annwa ta’ Lm2,860;
iii. li ghalkemm issemma’ l-aspett tad-“degree of dependence” fis-sentenza appellata, bhala fatt ma sar l-ebda tnaqqis mill-ewwel Qorti dwaru.

8.2. Min-naha l-ohra, l-atturi appellati wiegbu illi l-ewwel Qorti kienet gustifikata fil-mod kif ikkomputat id-danni, hlief li ma kien hemm ebda raguni ghala gew skartati l-introjti li l-vittma kien jippercepixxi minn xoghol agrikolu, li dwaru gew prodotti provi diversi li jevidenzjaw dan l-introjtu addizzjonali.

9.1. Din il-Qorti hadet kont tas-sottomissjonijiet estensivi min-naha tal-partijiet u jidhrilha li taht l-aspett tal-*lucrum cessans*, l-aggravju ta’ l-appellanti huwa in parti gustifikat.

9.2. Jirrizulta – ara x-xiehda ta’ l-attur Francis Sultana (fol. 70 tal-process) – li l-vittma kien idahhal paga ta’ hdax-il lira (LM11) kull jum mix-xoghol mal-konvenut. Minbarra dan, hemm hjiel li huwa kien ukoll involut, fuq bazi *part-time* u ghal rasu, f’xoghol agrikolu li kien ghadu fi stadju ta’ zvilupp.

9.3. Jidher li l-ewwel Qorti, forsi impressjonata b’dak li gie sottomess mill-atturi fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom – a fol. 337 sa 356 tal-process – qabdet u kkonkludiet li l-paga annwa tal-vittma fl-1998 mill-industrija tal-bini kienet ta’ LM3,960 *per annum* bhala paga bazika. L-ewwel Qorti imxiet fuq din il-premessa, pero` fil-fehma ta’ din il-Qorti ma hemm ebda gustifikazzjoni l-ghala l-paga bazika kellha tkun ibbazata fuq dana l-ammont. Kif tajjeb issottomettew l-appellanti, LM11 ghal hamest ijiem ghal 52 gimgha (bla ebda tnaqqis kwalsiasi) jammontaw ghall-figura ta’ Lm2,860 u mhux kif indikat mill-ewwel Qorti. Hija haga ovvja li tali paga bazika, maz-zmien, kienet tawmenta u ghal dan il-ghan din il-Qorti jidhrilha li aggustament ’il fuq ghall-figura ta’ Lm3,600 ikun wiehed

gust. Dwar ix-xoghol agrikolu, l-ewwel Qorti rriteniet hekk (fol. 12 tas-sentenza, a fol. 405 tal-process):
“Apparti l-fatt illi l-atturi stess jammettu illi l-vittma kienet qeghda ghadha tarma f’dan ix-xoghol u ghalhekk ma setax ghad kellu xi introjtu kostanti mill-biedja, ma ngiebet ebda prova konkreta illi huwa tassew kien regolarment qed jaqla’ l-flus ukoll mill-biedja.”

L-atturi baqghu jikkontendu sa l-istadju ta’ l-appell li l-ewwel Qorti ma kellhiex ragun dwar dak li gie ritenut minnha taht dana l-aspett, pero` ma gie intavolat ebda appell incidentali dwar dan u ghalhekk ma hemm xejn aktar x’jinghad dwar dan il-punt.

10. L-aggravju dwar il-“multiplier” huwa wkoll gustifikat ghar-raguni li dan ma jiehux kont ta’ “the changes and chances of life”. Trattandosi hawn ta’ xoghol ta’ strapazz, din il-Qorti necessarjament trid tqis li firxa ta’ erbghin (40) sena hajja lavorattiva maghdudin ma’ l-eta` tal-vittma (21 sena) hija kemmxejn imgebbda wisq. B’sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Turner et v. Agius et** moghtija minn din il-Qorti fit-28 ta’ Novembru 2003, u fejn il-vittma kienet izghar fl-eta`, din il-Qorti adoperat *multiplier* ta’ 30 sena. Minn dakinhar pero`, kien hemm zviluppi sinjifikanti fl-eta` ta’ irtirar mix-xoghol fid-direzzjoni ta’ awment minn eta` ta’ rtirar ta’ 61 sena, kif kienet sa ftit ilu ghal wahda ta’ 65 sena. Ghal din ir-raguni, din il-Qorti hija tal-fehma li *multiplier* ta’ 35 sena, tenut kont ukoll tan-natura tax-xoghol intrapriz mid-*decujus*, ikun aktar gust minn dak adoperat mill-ewwel Qorti.

11. Il-lanjanza l-ohra – forsi l-aktar wahda li tohloq dibattitu – tirrigwarda t-tnaqqis ghal dak li teknikament gie msejjah “degree of dependency”. Jirrizulta li l-vittma kien guvni ta 21 sena u l-possibbilita` li jizzewweg u li jikkonsma parti mill-introjti tieghu bilfors kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni ghal fini ta’ likwidazzjoni ta’ danni. Issa fuq dan il-punt, din il-Qorti hija konxja mill-fatt li kien hemm u ghad hawn nuqqas ta’ uniformita` notevoli fid-diversi sentenzi li nghataw mill-Qrati lokali. Per ezempju fil-precitata sentenza **Turner et v Agius et**, din il-Qorti imxiet fuq l-opinjoni tal-perit gudizzjarju nominat f’dik il-

kawza u ghamlet zewg ezercizzji ta' tnaqqis qawwijin, jigifieri l-ewwel nizlet l-ammont likwidat globalment (eccetto d-*damnum emergens* naturalment, li jibqa' bla mittiefes ghax dan jirrapprezenta danni reali) ghal terz, u mbaghad ghamlet tnaqqis iehor, ghal fini ta' "consumption", bir-rata ta' 25%. A differenza ta' dan, l-ewwel Qorti f'din il-kawza applikat rata unika ta' riduzzjoni f'percentwal ta' 40%. Issa din il-Qorti hija wkoll konsapevoli tal-fatt li hemm decizjonijiet ohrajn li mxew lejn deduzzjonijiet differenti dwar d-"degree of dependency" – ara per ezempju **Meli pro et noe v. J.T. Cachia**, Prim Awla AJM, 21 ta' Novembru 1994, fejn il-percentwal gie ffissat ghal wiehed ta' 50%.

Din il-Qorti wara li hasbet fit-tul, jidhrilha li taht dana l-aspett ukoll wasal iz-zmien li jkun hemm bazi ta' tnaqqis aktar ekwu u ragjonevoli stante anke tnaqqis iehor ulterjuri, kif ser jinghad – li tiehu kont ahjar tal-fatt, li l-possibbilita` hija dik li effettivament id-*decujus*, li kieku baqa' haj, kien jizzewweg, u qrabatu ma kenux jibqghu jistriehu daqstant fuqu finanzjarjament. Ghalhekk din il-Qorti sejra taddotta tnaqqis ta' 50% ghal fini ta' "degree of dependency". Dwar it-tnaqqis, inoltre, ghal fini ta' konsum personali, fejn dawn il-Qrati adoperaw tnaqqis li jvarja minn 25% sa 33%, din il-Qorti, fuq l-iskorta ta' **Turner et v. Agius et** sejra tapplika tnaqqis ulterjuri ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%).

12.1. Dwar it-tnaqqis ta' ghoxrin fil-mija (20%) pero` minhabba hlas "lump sum" din il-Qorti thoss li kkonsidrat il-fatt li mid-data ta' l-incident *de quo* – 12 ta' Mejju 1998 – sal-lum, issa ghaddew 'il fuq minn disa' snin – thoss li dan it-tnaqqis ghandu jkun biss wiehed ta' ghaxra fil-mija u mhux ta' ghoxrin fil-mija.

12.2. Fl-ahharnett jigi rilevat li ma hemm ebda lanjanza specifika dwar id-*damnum emergens* li gie ffissat fis-somma ta' Lm1,276 – u ghalhekk dan ghandu jibqa' invarjat minn kif hemm deciz fis-sentenza appellata. F'kull kaz dan l-ammont jirrifletti fedelment l-ispejjez reali involuti b'konsegwenza tas-sinistru.

Bhala rikapitulazzjoni generali ghalhekk, din il-Qorti qeghda tilqa' biss l-aggravju dwar il-likwidazzjoni tad-danni u qeghda kwindi tirriforma din il-parti tad-*decide* fid-dawl tas-segwenti:-

LUCRUM CESSANS:
Lm3,600 (paga bazika) x 35 sena hajja lavorattiva x 50% (minhabba riduzzjoni ghal *degree of dependency*) x 75% (minhabba r-riduzzjoni ghall-*personal consumption*) x 90% (minhabba l-*lump sum payment*) = LM42,525.
Dan ifisser li d-danni likwidati huma dawn:-

| | | |
|---|---|---|
| i. | *Damnum emrgens*: | LM 1,276 |
| ii. | *Lucrum cessans:* | LM42,525 |
| | Total Globali: | LM43,801 |

(Tlieta u erbghin elf, tmien mija u wahda liri Maltija).

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi dana l-appell billi tilqa' l-appell tal-konvenuti appellanti limitament ghal dik il-parti li tirrigwarda l-aggravju dwar il-likwidazzjoni tad-danni, u ghalhekk filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata dwar it-talba koncernanti r-responsabbilita` ghall-incident *de quo*, kif ukoll it-tielet talba dwar kundanna lill-konvenuti ghall-hlas ta' danni kagjonati minnhom in konsegwenza ta' l-istess incident, qeghda tirriforma s-sentenza appellata fir-rigward ta' l-ammont li gie likwidat riferibbilment ghat-tieni talba attrici, billi tirriduci l-ammont ta' danni ghas-somma ta' tlieta u erbghin elf, tmien mija u wahda liri Maltija (LM43,801) u dana ghar-ragunijiet fuq esposti u ghalhekk qeghda tikkundanna lill-konvenuti appellanti li jhallsu l-imsemmi ammont hekk likwidat lill-atturi appellati.

L-ispejjez gudizzjarji kwantu ghaz-zewg istanzi, in vista ta' din ir-riforma parzjali minn kif gie deciz mill-Qorti ta' l-ewwel grad, ghandhom jigu sopportati kwantu ghal kwarta parti ($^{1}/_{4}$) mill-atturi appellati u r-rimanenti tlett kwarti ($^{3}/_{4}$) mill-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------